# Imkejjen Storiċi

Sandro Sciberras

Hija ħaġa ta' min ikun kburi biha, li għalkemm iż-żona tagħna mhiex kbira ħafna, għandna numru sabiħ ta' postijiet storiċi, minbarra l-knisja, li jagħmlu parti miż-żona tagħna. F'dan l-artiklu, ser nagħti ħarsa lejn dawn l-imkejjen storiki.

**L-Akwedotti**

Kienet is-sena 1610, meta l-Granmastru Alof De Wignacourt qajjem b'mod serju, il-proġett li bih l-ilma seta' jinġarr lejn il-Belt Valletta. Il-Granmastru għażel li jħallas l-ispejjeż kollha hu, biex ma jagħmilx aktar taxxi fuq il-Maltin.

L-ilma kellu jinġabar fi Ġnien is-Sultan minn tlett għejjun fl-inħawi ta' Ħad-Dingli. Minn hawn kellu jittieħed f'kanali taħt l-ilma fi triqtu lejn il-Belt. Kollox kien miexi sewwa, sakemm waslu H'Attard. Minn hawn il-quddiem, l-art kienet titbaxxa f'daqqa u b'hekk inħolqot problema. Ġie l-inġinier Taljan Bontadino Bontadini u dan ħaseb biex juża tip ta' tafal biex isaħħaħ il-kanali, fejn dawn jingħaqdu ma' xulxin. B'hekk, il-pressa ta' l-ilma ma kienitx tagħmel ħsara lil-ġnub u l-fili tal-kanali.

Ħasbu ukoll li kellhom jinbnew arkati skond il-livell tat-triq. Dan it-tip ta' bini jissejjaħ akwedott. L-akwedott inbena minn H'Attard sa Santa Venera, fejn imbagħad kellu jaqsam it-triq. Għal dan il-għan inbena bieb bi tlett arkati, li kien jissejjaħ il-Bieb ta' Fleur-De-Lys. Dan il-bieb m'għadux jeżisti, minħabba li matul it-Tieni Gwerra, kien ħabat ġo fih crane ta' l-Air Force Ingliża.

Minn Santa Venera, kien jibqa sejjer sal-Ħamrun u imbagħad lejn Sarrija fil-Floriana għal ġol-Belt. Fejn Sarrija inbniet turretta li insibuha bħala l-Għajn ta' Wignacourt. Din it-turretta kienet monument tal-wasla ta' l-ilma fil-Floriana. Fuq il-bieb tagħha kien hemm din il-kitba bil-Latin:

**"Mit-turretta mejna bil-ġilju rasi nerfa'**
**Biex fil-Belt nara**
**l-Għajn ta' l-ilma l-ħajja**
**Bontadino Bontadini minn Bologna**
**l-ilma wassal, 1615"**



Ritratt tal-Bieb l-antik ta' Fleur De Lys. Illum dan spiċċa.

**Iċ-Ċimiterju tal-Pesta ta' l-1813**



In-niċċa ta' l-infetti.

Il-pesta ta' l-1813 kienet waħda mill-aktar qliel li laqtu lil Malta. Din il-pesta bdiet f'Kostantinopli u f'April ta' l-1813 waslet Malta. Hildebrand Oakes, li kien il-kummissarju Ċivili f'Malta għamel pieni ħorox kontra min jaħbi li hu marid u min joħroġ mid-dar bla bżonn. Dan għamlu biex jipprova jikkontrolla l-firxa. L-Isqof kien ordna ukoll li jingħalqu l-knejjes. Sa Mejju kienu diġa mietu 111-il persuna, Iżda f'Birkirkara kien għadu ma miet ħadd. F'Ġunju mietu 20 Karkariż u f'Lulju in-numru tela' għal 65. Għalhekk in-nies ta' Birkirkara iddeċidew, minn jeddhom, li jagħmlu kwarantina. Ġabru kemm ikel setgħu u qassmuh lill-aktar fil-bżonn. Din il-kwarantina bdiet fl-24 ta' Lulju. Sat-tieni ġimgħa ta' Novembru il-pesta kienet bdiet tbatti. Dawk li mietu f'Birkirkara difnuhom f'żewġ ċimiterji ġodda; wieħed ħdejn il-Knisja l-Qadima u l-ieħor fl-Imrieħel, fejn illum insibuh bħala l-Infetti. Billi fil-knisja kienu difnu lil xi nies li kienu jaħsbu li mietu bil-pesta, kienu għalqu xi ftit minn dawn l-qbra b'ħadida fuqhom biex jintgħarfu, b'ordni li ma jinfetħux qabel mitt sena. L-uniku simbolu li għad fadal ta' din il-pesta hija dik in-niċċa li tissejjaħ "ta' L-Erwieħ", fit-tarf tas-sqaq li kien jagħti għaċ-ċimiterju ta' l-Infetti tal-pesta ta' l-1813.

**L-Istazzjon tal-Ferrovija**



Il-bidu tas-servizz tal-ferrovija f'Malta kien żvilupp importanti fit-trasport f'pajjiżna. Il-ferrovija bdiet taħdem fl-1883. Din kienet titlaq mill-Istazzjon tal-Belt Valletta u tgħaddi minn dak tal-Floriana. Il-"Hamrun Central Station" kien dak ta' qabel Birkirkara. L-Istazzjon ta' Birkirkara kien qrib it-triq ta' Fleur-De-Lys u kien hemm żewġ entrati, skond il-biljetti li l-passiġieri kienu jixtru. Kien hemm tinda fejn jistkennu n-nies, speċjalment għall-ħaddiema, li minn kmieni, kienu jirkbu l-ferrovija għall-Belt Valletta.

L-Istazzjon ta' Birkirkara kien l-aħħar wieħed li l-kumpanija kienet tagħmel qligħ minnu. Dan minħabba li wara Birkirkara, ftit nies kienu jużaw dan il-mezz ta' trasport fil-ġranet tax-xogħol. Għal festa ta' Sant' Elena, numru kbir ta' nies kienu jużaw il-ferrovija, speċjalment mill-Belt u l-Imdina, biex jaraw il-purċissjoni tat-tnienja.

Meta waqaf is-servizz, l-Istazzjon ta' Birkirkara waqa' taħt id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Issa, l-Istazzjon u l-bini tiegħu jintużaw minn dipartimenti varji tal-Gvern, filwaqt li l-"area" ta' madwar l-istazzjon baqgħet kif kienet, jiġifieri ġnien pubbliku. Fl-istazzjon, wieħed jista' jara vagun "Third Class", l-uniku wieħed ta' l-għamla tiegħu li għadu jeżisti. Dan il-vagun tqiegħed hemm wara li ġie irrestawrat.